MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 187/1990/1

**Andrew Dalli**

**Vs**

**Michael Balzan fil-kwalita` tieghu bhala Managing Director ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali A.T.E. Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur irrenda servizzi lill-konvenut *nomine*, liema servizzi kienu jikkonsistu f'istallazzjoni ta' diversi oggetti elettronici u mobbli ghall-uzu ta' *office* u uzu affini iehor;

Premess illi l-konvenut *nomine* ghadu debitur favur l-attur ghas-servizzi fuq imsemmija u ghall-ispejjez ohra maghmula mill-istess attur inkonnessjoni ma' l-istess fis-somma ta' disa' mija u tlieta u disghin lira Maltija (Lm993.00,0);

Premess illi l-konvenut gie inutilment interpellat sabiex jaghmel il-hlas in kwistjoni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni ta' responsabilita` da parti tieghu, tikkundanna lill-konvenut *nomine* ghar-ragunijiet fuq indikati jhallas lill-attur *nomine* is-somma ta' disa' mija u tlieta u disghin lira Maltija (Lm993) inkluzi l-imghaxijiet skond il-ligi;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi qabel xejn l-attur kellu jipprezenta prospett ta' kif wasal ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni;

2. Illi wara li jigi prezentat il-prospett fuq imsemmi u jsiru l-kontijiet, kellu jirrizulta li l-attur ma kellux jiehu l-ammont minn mitlub;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Marzu 1992 li permezz tieghu gie nominat bhala perit tekniku Nicholas Baldacchino biex

ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Mejju 1993 li permezz tieghu gie sostitwit l-imsemmi perit tekniku u nominat Alfred Camenzuli fl-istess inkarigu u fakolta; kif ukoll dak tas-27 ta' Gunju 1994 fejn gie nominat William Cassar Torreggiani in sostituzzjoni tal-perit tekniku precedenti bl-istess inkariku u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku William Cassar Torreggiani li tinsab a fol 68 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-13 ta' Frar 1998;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi kawza ta' reklam semplici ta' hlas ta' kreditu ghal servizzi prestati u materjal fornit, u hi tassew hasra li hadet tant snin biex tigi definita u finalizzata;

Fiha l-attur qed jippretendi li ghad baqalu jircievi bilanc ghal xoghlijiet esegwiti minnu f'diversi postijiet fuq inkariku tal-konvenut *nomine*. Dan ta' l-ahhar fil-fatt jaccetta li l-attur minnu kommissjonat esegwixxa x-xoghlijiet. Pero` imbaghad jopponi t-talba tal-hlas reklamat mill-attur ta' disa' mija u tlieta u disghin lira Maltija (Lm993);

L-opposizzjoni tal-konvenut *nomine* hadet din il-linja. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu (fol. 10) illimita ruhu biex jitlob prospett u li jsiru l-konteggi;

Meta l-attur imbaghad esebixxa l-ittra datata 15 ta' Jannar 1990 (fol. 15) mibghuta lilu mil-avukat tieghu, il-konvenut *nomine* ghazel li jikkontrasta c-cifri fl-ittra indikati permezz

ta’ verbal ta’ l-avukat tieghu fl-udjenza ta’ l-4 ta’ Marzu 1992 (fol. 34);

F’dan il-verbal jinsab dikjarat illi l-ammont ta’ mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm226.80) kien gie saldat permezz ta’ cheque mibghut lill-attur u msarraf minnu fid-9 ta’ Ottubru 1989. Kwantu ghall-ammonti l-ohra dettaljati fil-precitata ittra huwa ddefenda ruhu billi sostna li dawn kienu eccessivi u ghalhekk kellhom jigu ridotti b’mod li dejjem skond l-istess konvenut *nomine* huwa ma kienx jibqaghlu jaghti hlief erba’ mija u tnejn u tmenin lira Maltija (Lm482);

Dan fil-konkret kienet l-opposizzjoni kollha tal-konvenut *nomine*. Mill-kumplament la ressaq provi, lanqas quddiem il-perit tekniku, la pproducu c-cheque li jghid li ssarraf biex jissostanzja dak minnu ritenut fl-imsemmi verbal, u lanqas gab evidenza ghaliex, skond hu, l-ammonti l-ohra reklamati kellhom jitqiesu eccessivi;

Il-prova tal-pagament u/jew ta’ l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut *nomine* li allegahom;

Hi fil-fatt gurisprudenza pacifika illi min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (**Vol. XLIX P II p 776**). Fid-dubju u fin-nuqqus ta’ ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (**Vol. XXXVII P I p 525**), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f’dan il-kaz – b’mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (**Vol. XXXV P III p 604; “Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe”**, Appell, 28 ta’ Jannar 2000);

Naturalment l-attur li jallega d-debitu ghandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jaghmel dan, jibqa’ jimpera l-principju “*actor non probante, reus absolvitur*”;

Fil-kaz *de quo* l-attur ipprova permezz ta’ l-esebizzjoni tal-fatturi minnu prezentati, u ezaminati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu (fol. 69) illi huwa ghadu dovut hlasijiet minghand il-konvenut *nomine*. B’danakollu huwa ma

rnexxielux jissodisfa l-ammont totali minnu pretiz u domandat.  Fil-fatt il-perit relatur accettalu biss dawk l-ammonti pprovati bl-*invoices* u li jittotalizzaw l-ammont ta' tmien mija u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm884);

Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-konteggi. Irrizulta li l-perit tekniku ma accettax is-somma pretizi ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) specifikata fl-ittra fuq imsemmija tal-15 ta' Jannar 1990, li kienet it-tluq ta' partenza li fuqha l-attur iffonda t-talba tieghu ghall-ammont komplessiv ta' disa' mija u tlieta u disghin lira (Lm993).  Dan ifisser illi jekk gew accettati tmien mija u erbgha u tmenin lira (Lm884) biss u skartata s-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) billi fi kliem il-perit relatur, "ma hemm l-ebda dokument li jissostanza dan l-ammont", allura jfisser li l-ammont kollu, skond aritmetika semplici, jkun ta' elf u erbgha u tletin lira Maltija (Lm1034 viz Lm884 + Lm150).  Din il-kontabilita` ma tinkwadrax ma' l-ammont pretiz u espress fic-citazzjoni;

Il-Qorti ghalhekk filwaqt li ser titlaq minn dak dettaljat fl-ittra tal-15 ta' Jannar 1990, u filwaqt li tikkondividi l-fehma tal-perit tekniku fir-rigward tas-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) bhala mhux provata minn ebda dokument, qed tirreduci l-ammont reklamat b'din is-somma.  Tali riduzzjoni iggib li s-somma effettivament dovuta lill-attur hi ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm843).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* takkolji t-talba attrici izda limitatament ghas-somma ta' tmien mija u tlieta u erbghin lira Maltija (Lm843) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (13 ta' Marzu 1990).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mill-attur u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut *nomine*.

---------------------------------TMIEM---------------------------------